# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
# 2015-2016

| L-EWWEL SENA | LIVELL 6-7 | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

| Taqsima | A | B | Ċ | Di | Dii | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 14 | 10 | 6 | 15 | 15 | 20 | 80 |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | | | |

**Kummenti:**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Preżentatur tar-Redifussion




***Tafu x'inhu r-Redifussion? Le, hux! Din mhijiex teknoloġija ta' żmienkom! Dan kien speċi ta' radju li bih konna nisimgħu l-aħbarijiet u xi programmi oħrajn bil-Malti jew bl-Ingliż. U jien għandi l-unur ngħid li kont l-ewwel preżentatur raġel fuq ir-Redifussion. Jiena Charles Arrigo, preżentatur u xandar tar-radju u tat-televiżjoni Maltija.*** *(par.1)*

Twelidt fl-1929 ġewwa l-Belt Valletta. Studjajt il-Liċeo u fl-Università ta' Perugia. Imbagħad kont attendejt bosta korsijiet mal-BBC fl-Ingilterra fosthom kors ta' qarrej tal-aħbarijiet u ieħor dwar kif tidher u titkellem fuq it-televiżjoni. Ħeqq, ridt inkun imħejji sewwa biex nidher u ninstema' ma' Malta kollha! *(par.2)*

Fl-1947 sirt l-ewwel preżentatur raġel mal-kumpanija tar-Redifussion. Matul is-snin ingħatajt diversi xogħlijiet bħal pereżempju *producer* tad-drama u tad-dokumentarji u anke kelli l-kariga ta' direttur tal-Public Broadcasting Service (PBS) u ta' TVM. Aktarx li n-nies jiftakruni l-aktar għall-kummentarji li kont nagħmel fuq ir-radju u t-televiżjoni f'okkażjonijiet importanti bħal xi ordinazzjoni ta' Isqof jew xi żjara ta' President barrani f'pajjiżna. Is-semmiegħa tar-Redifussion kienu wkoll jistennew bil-ħerqa l-programm li fih jien kont naqra silta minn xi rumanz bil-Malti. *(par.3)*

Apparti x-xandir, kont ukoll inħobb id-drama. Għamilt żmien involut fil-*British Institute Players* u l-*Atturi Theatre Group*. Xi wħud forsi jiftakruni wkoll fil-parti tal-Kurunell fit-teleserje "Villa Sunset" li xxandret fuq TVM. *(par.4)*



L-aħħar xandira tiegħi kienet l-ordinazzjoni tal-Isqof Mario Grech għaliex, kif jgħidu, Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd u proprju fit-13 ta' Frar 2006, il-Mulej sejjaħli għal ħdejh. L-aħħar messaġġ għalikom huwa dan: il-mezzi tat-teknoloġija huma tajbin u sbieħ, u tajjeb li tinqdew bihom. Però, araw li tużawhom tajjeb, għall-ġid tagħkom u ta' sħabkom! Awguri! *(par.5)*

Addattament ta' artiklu ta' Karol Debono – *Xehda Għasel* Jannar/Frar 2013

**A. IL-FEHIM MILL-QARI (14-IL MARKA)**

1. Dwar min titkellem din is-silta u x'kien xogħlu? (*par. 1*)

___________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________(2 marki)

2. Għaliex attenda l-korsijiet fl-Ingilterra? (*par. 2*)

___________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(marka)

3. X'kien ikun xogħlu f'okkażjonijiet importanti?

______________________________________________________________________(marka)

4. Wieħed mill-programmi l-aktar mistennija tiegħu kien jinvolvi l-qari minn xi __________________________________. (*par. 3*) (marka)

5. X'taf tgħid dwar il-karriera tiegħu fid-drama? (*par. 4*)

___________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(marka)

6. X'parir jagħti Charles Arrigo lill-qarrejja dwar il-mezzi tat-teknoloġija? Taqbel miegħu? Għaliex? (*par. 5*)

___________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________(2 marki)

7. "*...għandi l-unur ngħid...*" (*par. 1*) tfisser li (aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba):
   a) irbaħt midalja
   b) inħossni kburi
   ċ) inħossni ferħan (marka)

8. Mit-tieni paragrafu sib kelma li tfisser:
   a) ħafna __________________
   b) ippreparat _________________ (2 marki)

9. Spjega fi kliemek il-frażi "*...il-Mulej sejjaħli għal ħdejh*" (*par. 5*).

______________________________________________________________________ (marka)

10. "*...araw li tużaw<u>hom</u> tajjeb...*" (*par. 5*)

- Għal min qed jirreferi l-pronom *<u>hom</u>*? ______________________________ (marka)

11. "*Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd*" (*par. 5*). Xi jfisser dan il-qawl?

__________________________________________________________________(marka)

**B. IL-GRAMMATIKA (10 MARKI)**

1. Poġġi dawn il-kelmiet f'ordni alfabetika:

*teknoloġija, ħerqa, televiżjoni, għalikom*

_______________, _______________, _______________, _______________

(½ marka)

2. Agħmel sing taħt il-kelmiet li jibdew:
   a) b'konsonanti **xemxija**: *radju, kummentarji, preżentatur, direttur* (½ marka)
   b) b'konsonanti **qamrija**: *xandar, żjara, qarrej, barrani* (½ marka)

3. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:

*rumanz, programm, forsi, żmien, messaġġ, dokumentarji*

- Kliem li jibda b'konsonanti...

| | | |
|---|---|---|
| **ratba** | | |
| **qawwija** | | |
| **likwida** | | |

(3 marki)

4. "*... tat-teknoloġija huma <u>tajbin</u> u sbieħ.*" (*par. 5*)
   - Niktbu 'tajbin' u mhux 'tajjbin' għax il-'j' hija konsonanti:
   a) qawwija u trid vokali maġenbha;
   b) dgħajfa u trid konsonanti maġenbha;
   ċ) dgħajfa u trid vokali maġenbha. (½ marka)

5. Immarka jekk il-vokali 'i' hijiex tal-leħen jew tal-kelma:
   a) *okkażjoni <u>i</u>mportanti* (par. 3) ☐ tal-leħen ☐ tal-kelma

b) *kont ukoll **inħobb*** (par. 4) ☐ tal-leħen ☐ tal-kelma

(marka)

6. Imla l-vojt bl-artiklu jew bl-artiklu magħqud mal-partiċella:

*Minbarra l-imħabba għax-xandir, Charles Arrigo kien iħobb ħafna ____teatru u dak kollu li għandu x'jaqsam _____drama.* (marka)

7. Agħti l-mamma u l-għerq ta' dawn il-verbi u mmarka jekk humiex trilitteri jew kwadrilitteri.

| Verb | Mamma | Għerq | Trilitteru | Kwadrilitteru |
|---|---|---|---|---|
| nidher | | | | |
| tixxandar | | | | |

(3 marki)

## **Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 MARKI)**

Immaġina li għadek kif ħadt l-aħbar li rbaħt somma flus. Ikteb ittra elettronika ta' madwar 40-60 kelma lill-ħabib/a tiegħek biex tirrakkontalu/ha dwar dak li ġara u x'beħsiebek tagħmel bil-flus li qlajt.

| | |
|---|---|
| Lil | maria.borg@postaelettronika.com.mt |
| Mingħand | |
| Data | Il-5 t'April 2016 |
| Suġġett | |



Għażiż/a ______________________________

Nittama li ma ndumx ma nisma' mingħandek! Ħu ħsieb u sellili għal tal-familja.

Dejjem tiegħek,

## D. IL-KOMPONIMENT (20 MARKA)

**Ikteb madwar 150 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti.**

1. Passiġġata mar-raħal li noqgħod fih.
2. Ikteb komponiment li jibda: ......*Ma kinitx logħba li mort nilgħab ma' sħabi!*
3. La nikber nixtieq insir......... Għid għaliex?
4. L-aktar persuna li mmur tajjeb magħha mill-familja tiegħi.
5. Din is-sena, fil-klassi tkellimtu dwar xi film li rajtu jew xi ktieb li qrajtu. Tiftakar xi film sabiħ li rajt jew xi ktieb sabiħ li qrajt? Ikteb fuq xiex kien u spjega għaliex jogħġbok.

## E. IL-POEŻIJA- NADRIET POETIĊI (15-IL MARKA)

1. **<u>San Franġisk u l-Gamiem</u>**

*Beda jżernaq…fuq l-art, fuq il-baħar,*
*Beda jroxx l-ewwel dawl tat-tbexbix,*
*Kull fejn timraħ il-ħarsa,bħal ġawhar,*
*Tleqq in-nida fuq truf il-ħaxix.*

a) F'liema ħin tal-ġurnata qiegħed jitkellem il-poeta? ________________________ (marka)

b) San Franġisk kien iħobb ħafna l-annimali u meta jiltaqa' ma' tfajjel b'___________ f'idu bil-gamiem jitolbu biex___________________. (2 marki)

ċ) Minflok taru, il-gamiem __________________ ma' San Franġisk. (marka)

**2. <u>Il-Ħolma t'Alla</u>**

a) F'din il-poeżija, Buttigieg qiegħed jindirizza lill-qarrej permezz tal-kelma (Ħabib, Sinjur, Missier) u din il-figura tad-diskors insejħulha __________________________. (2 marki)

b) Anton Buttigieg jgħid li Alla qabel ma ħoloq id-dinja ħolom ħolma, bħalma jagħmel _______________________ qabel ma jagħmel xi pittura. (marka)

**3. <u>Tifħira lil Malta</u>**

a) Ġan Anton Vassallo jfaħħar ħafna lil Malta u, fost l-oħrajn, isemmi frott bħall-____________________ u l-________________________. (2 marki)

b) *Tifħira lil Malta* hi poeżija (riflessiva, patrijottika, ambjentali) għax turi l-imħabba lejn art twelidna. (marka)

ċ) Din il-poeżija hija magħmula minn (terzini, kwartini, distiku) jiġifieri strofa b'____________ versi. (2 marki)

**4. <u>Ritratt ta' Toninu man-Nanna</u>**

a) Anastasju Cuschieri jqabbel lil Toninu ma' _______________ u din tissejjaħ ________________________. (2 marki)

b) Din il-poeżija hija (nostalġika, patrijottika) għax qed tfakkar l-imgħoddi. (marka)

## F. IL-PROŻA – ZITO ZANDARELL (15-IL MARKA)

1. **Għid jekk hux Veru jew Falz.** (3½ marki)

a) Zito Zandarell kien tifel aljen u kellu wkoll oħtu li kienet aljena. ___________

b) Zito Zandarell għandu s-setgħa li jfejjaq lin-nies. ___________

ċ) Melissa kellha għaxar snin u kienet fil-ħames sena tal-Primarja. ___________

d) Zito ma tantx kien imur tajjeb fis-suġġetti tal-iskola. ___________

e) Fil-pjaneta Terrapaċis hija normali li wieħed jagħmel il-ġid. ___________

f) Spikey, il-kelb tal-familja Debono, kien ta' lewn abjad. ___________

ġ) Il-familja Debono bdew jgħidu lin-nies li Zito kien ġie mill-Brażil. ___________

2. **Poġġi wara xulxin skont kif ġraw fl-istorja. Niżżel "1" fejn il-ġrajja li seħħet l-ewwel u "5" fejn il-ġrajja li seħħet l-aħħar.** (2½ marki)

| | |
|---|---|
| Zito staħba fuq il-ħajt tas-sejjieħ għax beża' minn missier it-tfal. | |
| It-tfal iltaqgħu ma' Zito li kien mistoħbi f'siġra. | |
| Il-Ħadd waranofsinhar Melissa u Stefan kienu qegħdin iqattgħu ftit sigħat il-Buskett. | |
| It-tfal kienu qegħdin jilagħbu bil-ballun. | |
| Il-mamà rifset ġebla u weġġgħet l-għaksa ta' sieqha u rkoppitha. | |

3. **Qabbel kolonna A ma' B billi tqiegħed l-ittra t-tajba f'Kolonna Ċ.** (6 marki)

| | **Kolonna A** | **Kolonna B** | **Kolonna Ċ** |
|---|---|---|---|
| a) | Kellha kanarin u ġabitu l-iskola magħha. | Salvina | |
| b) | Ma kienx jgħid gideb u jgħin kull fejn ikun hemm bżonn. | Melissa | |
| ċ) | Dejjem fil-gallarija biex tissendika x'inhu jiġri fit-triq. | Zito | |
| d) | Kien il-buli tal-iskola. | Hector | |
| e) | Kienet omm dak it-tifel li kien se jaqa' minn fuq il-bejt. | Lorella | |
| f) | Kienet oħt Stefan u l-iżgħar membru tal-familja Debono. | Christine | |

4. **Agħżel karattru minn Kolonna B t'hawn fuq u f'madwar 25 kelma ikteb dak li taf dwaru jew dwarha.**

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________(3 marki)